# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M.
## (IMLI)

**Seduta ta' Nhar it-Tnejn 18 ta' Gunju 2018**

**Rikors Numru: 330/2016JPG**

**Kawza Numru: 24**

**JMC Properties Limited [C 52422] u James Zammit detentur tal-karta tal-identita` numerata 535884M**

**Vs**

**Josephine Borg detentrici tal-karta tal-identita' numerata 51799M**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors mahluf ta' JMC Properties Limited [C 52422] u James Zammit datat 22 ta' April 2016, a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

*Jesponu bir-rispett u l-istess James Zammit bil-gurament jikkonferma li jaf personalment :*

1) *Illi l-kontendenti resqu ghal ftehim li permezz tieghu r-rikorrenti ghaddew b'hire-purchase lill-intimata l-vettura BMW mudell 3 Series numru ta' registrazzjoni LCT 651.*

2) *Illi l-intimata ma hallsitx il-pagamenti minnha dovuti lir-rikorrenti dwar dan il-ftehim, u fadal is-somma ta' sittax-il elf, sitt mija, wiehed u hamsin ewro u dsatax-il centezmu (€16,651.19c) x'tithallas mill-intimata lir-rikorrenti.*

3) *Illi l-vettura BMW mudell 3 Series numru ta' registrazzjoni LCT 651 hi wkoll proprjeta` tar-rikorrenti u hekk baqghet sal-lum.*

4) *Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza stante li l-intimata, minkejja li interpellata, xorta baqghet inadempjenti u m'effettwat ebda hlas u ma rritornatx il-pussess tal-vettura lir-rikorrenti.*

*Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex ghar-raguniijiet premessi dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

*1. Tiddikjara illi l-intimata hija debitrici tar-rikorrenti fis-somma bilancjali ta' sittax-il elf, sitt mija, wiehed u hamsin ewro u dsatax-il centezmu (€16,651.19c) kif fuq inghad.*

*2. Tikkundanna lill-intimata sabiex thallas lir-rikorrenti s-somma ta' sittax-il elf, sitt mija, wiehed u hamsin ewro u dsatax-il centezmu (€16,651.19c).*

*3. Tiddikjara li l-vettura BMW mudell 3 Series numru ta' registrazzjoni LCT 651 hi proprjeta` tar-rikorrenti, u tikkundanna lill-intimata sabiex fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tiffissa dina l-Onorabbli Qorti, tirritorna l-pussess ta' din il-vettura lir-rikorrenti.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 18 ta' Frar 2015 tal-mandat ta' sekwestru u tal-mandat ta' qbid ipprezentati mir-rikorrenti kontra l-intimata, u bl-imghaxijiet dekoribbli mid-data tal-morozita` fil-hlas skont il-ftehim ta' hire-purchase sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi.

Rat ir-risposta ta' Josephine Borg (Id: 51799M) datata 19 ta' Ottubru 2016, a fol 16 et seqq li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament din l-azzjoni hija ta' natura kollettiva nkwantu illi hija promossa minn zewg atturi, u cioe' s-socejta' rikorrenti u r-rikorrent l-iehor f'kwalita' personali meta dan ta' l-ahhar minn imkien ma jidher li huwa b'xi mod kontraent fl-iskrittura annessa mar-rikors promotur li abbazi taghha saret l-azzjoni. Ghalhekk ukoll James Zammit proprio ma' ghandu ebda nteress guridiku fir-rigward.*

2. *Illi minghajr pregudizzju, mhux minnu li l-esponenti kienet kontraenti f'kuntratt ta' "Hire Purchase" fir-rigward tal-vettura tal-ghamla BMW 330D imsemmija fl-iskrittura annessa mar-rikors guramentat u mmarkat Dokument A. Kif jirrizulta, huwa il-kaz li din l-Onorabbli Qorti tiehu konjizzjoni guridika ta' dan l-istat ta' fatt u taghti il-provvedimenti xierqa fir-rigward.*

3. *Illi del resto l-iskrittura Dokument A lanqas ma ggib l-firma ta' xi hadd mir-rikorrenti u ghalhekk dawn ma jistghux jissostanzjaw ebda pretenzjoni kontra l-esponenti bbazat fuq dak id-dokument.*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghandu jirrizulta li din il-vettura nbieghet lill-terzi u ghalhekk ir-rikorrenti, jew min minnhom, diga' thallsu kwalsiasi konsiderazzjoni dovuta ghar-rigward tat-trasferiment ta' titolu tal-vettura u ma jistghux ghalhekk jergghu jitolbu hlas minghand l-esponenti fir-rigward ta' vettura li m'ghadhiex taghhom.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra.*

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkonsidrat:**

Din hija sentenza in parte rigward l-ewwel eccezzjoni tal-intimat, u cioe illi James Zammit f'ismu proprju m'ghandu ebda interess guridiku f'din il-kawza peress illi m'huwiex kontraent fl-iskrittura annessa mar-rikors.

Fir-rigward tal-interess guridiku rikjest ghal promwoviment ta' kawza, fis-sentenza fl-ismijiet **Avukat Kenneth Grima noe vs Direttur tal-Kuntratti** deciza fit-28 ta' Gunju 2013, il-Qorti tal-Appell irrilevat illi:

> "***Huwa principju ewlieni tad-dritt li min jipproponi kawza, irid ikollu l-interess. Dan irid ikun (a) guridiku, jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi tal-ezistenza ta' dritt u l-vjolazzjoni tieghu; (b) dirett u personali: fis-sens li jkun dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, u jkun personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, hlief ghall-azzjoni popolari (li mhix il-kaz tal-lum); (c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f'kundizzjoni posittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur.***"

Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Amedeo Barletta noe vs L-Awtorita tas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta** deciza fit-23 ta' April 2013, l-**Onor. Imhallef J.R.Micallef** qies:

> "***…meta wieħed iħares lejn is-siwi ta' eċċezzjoni li tqanqal dubju dwar jekk hemmx tassew l-interess ġuridiku tal-parti attriċi li ssostni l-kawża, wieħed irid iżomm ma' dak li jipprovdi l-artikolu 780 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u mal-prinċipji li sa minn żmien***

***twil ilu ssawru biex ifissru x'inhu meħtieġ biex tali interess isejjes il-jedd tal-azzjoni. Biex tali interess ikun tutelat minn karattru ġuridiku, irid ikun iwassal għal riżultat ta' utilita' u vantaġġ għal min irid jeżerċita l-jedd, b'mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex tipproduċi tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi. (…)***

***Illi, minbarra dan, u dejjem għal dak li jirrigwarda l-aspett tal-attwalita' tal-interess f'attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa' jseħħ matul il-ħajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu tagħha, għaliex jekk dan l-interess jintemm fix-xejn, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imħarrek jinħeles milli jibqa' fil-kawza. Hu stabilit ukoll mill-Qrati li dak li jfisser l-interess tal-attur għandu jkun jidher mill-att innifisu li bih tinbeda kawża, u għalkemm il-mottiv tal-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi fir-Rikors Maħluf, għandu jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jiġi kuntrastat;***

***Illi l-interess mhux ta' bilfors ikun wieħed li jiġi kwantifikat f'somma determinata ta' flus jew ġid, u jista' jeżisti wkoll fejn jimmira li jħares jew jagħti għarfien għal jedd morali jew suġġettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku.***"

Intqal ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Michelangelo Bond vs Arkitett u Inginier Civili Joseph Camilleri Galea** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Mejju 1991 illi:

"***Fost ir-rekwiziti ta' l-interess guridiku hemm dak li l-istess irid ikun attwali, cioè dak li Mortara jiddefinixxi bhala 'La utilità finale della domanda giudiziale sul tema dell'asserita esistenza e violazione di un diritto'. Jekk l-azzjoni tkun inkapaci li tipproduci rizultat vantaggjuz jew utili ghal min jipproponiha jew jekk ir-rizultat, jew sentenza, ma jkunx jista' jigi uzufruwit, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta.***"

Fis-sentenza citatat aktar il-fuq fl-ismijiet, il-Qorti tal-Appell, wara li ezaminat il-gurisprudenza fuq il-materja, irrilevat illi:

> ***"…l-interess guridiku huwa essenzjalment distint mid-dritt. Huwa propju ghalhekk li l-interess mhux biss irid ikun dirett u attwali, izda anki legittimu, cioe` konformi mad-dritt ta' min ikun fil-kawza. Il Mattirolo (Vol. I. p. 50) f'dan ir-rigward ifisser li "l'azione compete soltanto a tutela dei diritti; se l'interesse e` scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non giudizio possible; cosi` che, per istituire un guidizo, non basta che un fatto d'altri pregiudichi i nostri interessi, ma occorre che questo fatto arrechi un danno giuridico, che non esiste se non e` 'injuria datum' se cioe` non e` prodotto da chi, esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto".***
>
> ***Il-ligi qieghdha hemm biex thares dak l-interess li ghandu dritt bhala bazi tieghu.***
>
> ***Huwa proprju ghalhekk li jinghad li l-interess huwa l-mizura tal-azzjoni ("Il mezzo di tutelare un diritto leso o immediatamente minacciato non puo' essere esercitata senza un interesse, essendo assiomatico che l'interesse e' la misura delle azione ed e` il motivo che giustifica l'accesso alle aule di giustizia" – Vol XXV.I.506).***
>
> ***L-interess irid ikun guridiku fis-sens li dan l-interess irid ikun rikonoxxut bil-ligi u l-azzjoni trid tkun preordinata ghall-otteniment ta' rimedju protett bil-ligi ("Darmenia v. Borg Olivier", deciza minn din il-Qorti fit-18 ta' Frar1966)."***

Il-Qorti rat illi l-unika prova li s'issa giet prodotta hija l-iskrittura datata 28 ta' Novembru 2013. Il-Qorti rat illi fl-ewwel pagna ta' din l-iskrittura, hemm indikat illi **James Zammit kien qieghed jidher a nom u in rapprezentanza ta' JMC Property**, u m'hemm l-ebda indikazzjoni li kien qieghed jidher ukoll a nom tieghu proprju.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti jirrizulta illi James Zammit f'ismu proprju m'ghandux l-interess guridiku rikjest sabiex jibqa' f'din il-kawza, u ghaldaqstant l-ewwel eccezzjoni tal-intimata hija fondata.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimata u tiddikjara illi James Zammit f'ismu proprju m'ghandux l-interess guridiku rikjest sabiex jippromwovi din il-kawza, tordna l-prosegwiment tal-kawza fir-rigward ta' JMC Properties Limited u Josephine Borg biss.**

**L-ispejjez ta' din is-sentenza in parte ghandhom ikunu a karigu ta' James Zammit.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**